MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 531/2003

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Renald Falzon**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm110.39c (mija u ghaxar liri Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku li jgib in-numru 21335985 liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib l-isem 'La Paradiso Building', Flat 1, Triq il-Harrub, Msida, skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------